MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1376/2004/1

**Caroline Ebejer u Sue Anne Bartolo u C & S Real Estate u b'digriet tat-Tribunal tal-11 ta' Lulju, 2006 wara l-kliem C & S Real Estate giet mizjuda l-kelma "Limited"**

**vs**

**Saviour Galea, Charles Galea u Darl Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Novembru 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` Gunju, 2004 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom bhala estate agents is-

somma ta` elf u tnejn u tmenin lira maltija u hamsin centezmu (Lm1,082.50c), illum ekwivalenti ghal Euro 2,521.55c, rapprezentanti senserija ta` hamsa fil-mija fuq il-bejgh ta` l-flat numru 6, Monterosa Flats, Triq il-Kapuccini, San Gwann u dana peress illi fis-27 ta` Frar, 2003, il-konvenuti kienu nkarigaw lill-atturi sabiex iressqulhom xerrejja prospettivi u l-flat in kwistjoni li kien inbiegh bil-prezz ta` Lm21,650 permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona datat 4 ta` Lulju, 2003, sehh bl-intrervent ta` l-istess atturi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mill-4 ta` Lulju, 2003 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 29 ta` Lulju, 2004 fejn ikkontestaw it-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Li t-talbiet kienu ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kull commission thallset mal-kuntratt relattiv;
2. Li ma kien hemm ebda commission imsemmija bhala dovuta fil-kuntratt de quo la lill-atturi u anqas lil terzi;
3. Li ebda commission ma hi dovuta lill-atturi ghat-trasferiment in kwistjoni peress illi l-atturi ma kellhom ebda konnessjoni ma` l-istess bejgh lanqas fuq livell introduttorju;
4. Illi ma kien sar l-ebda ftehim bejn il-partijiet fuq ir-rata ta` commission pagabbli fuq l-eventwali bejgh tal-fond in kwistjoni u kwindi ma tista` tintalab ebda somma;
5. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi permezz ta` digriet moghti fil-5 ta` Frar, 2007, is-socjeta` konvenuta Darl Services Limited giet estromessa mill-kawza u kwindi t-talbiet attrici, fuq nuqqas ta` opposizzjoni da parti taghhom stess, kienu qed jigu ndirizzati biss fil-

konfront tal-konvenuti l-ohra, Saviour u Charles Galea.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulent legali tal-konvenuti.

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub da parti tal-konsulent legali ta’ l-atturi prezentati tardivament.

Ikkunsidra.

Illi l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom ghal hlas ta` commission fees *qua* estate agents u cioe` bir-rata ta` hamsa fil-mija u mhux bhala sensara. Illi ghalhekk a priori wiehed ghandu jistabilixxi jekk kienx hemm xi forma ta` rabta kuntrattwali f’dan is-sens bejn il-partijiet fuq l-appartament partikolari meritu ta` dina l-kawza.

Caroline Ebejer tghid illi originarjament kienet il-kollega taghha Sue Anne Bartolo li ftiehmet mal-konvenuti mhux hi. Pero` zzid tghid li l-eventwali xerrejja ta` Flat 6, certa Padovani Genies kienet akkompanjat lil Lorinda Theuma fl-appuntament li dan ix-xhud kienet ghamlet biex turiha diversi appartamenti fosthom dan in kwistjoni. Tghid li ghalkemm Padovani dehret interessata hi wkoll pero` f’dak il-mument il-klijent prospettiv kienet Theuma anke peress illi Padovani ma kinietx f’posizzjoni li tixtri. Dan ix-xhud tghid ukoll li kien proprju wiehed mis-sidien li nformaha li kien ser jaghlaq in-negozju ma Padovani meta f’okkazzjoni minnhom hija kienet qed iddawwar klijenti biex jaraw appartamenti ohra fl-istess Blokk u s-sid qalilha li Flat 6 ma kienx aktar ghal bejgh. In kontro ezami tistqarr li ma kienux zammew records u cioe` ma kinietx imtliet il-formola li tindika l-persuni li huma jkunu hadu jaraw kull appartament partikolari. Mill-estratti tad-diary

esebiti wiehed jista` jirrimarka li ghalkemm l-isem ta` Theuma tidher diversi drabi, dak ta` Padovani Genies ma jidher imkien.

L-istess attrici Caroline Ebejer tikkonferma li huma kienu ffirmaw l-agreement *qua* estate agents mas-sidien biss u li dan ma kienx tat-tip fejn kellhom l-esklussivita`. Tistqarr ukoll in kontro ezami li hija qatt ma wriet dan l-appartament lil Marthese per se` izda semplicement li l-eventwali xerrejja kienet l-istess persuna li kienet akkumpanjat lil Theuma u li l-appuntament kien ma` din Lorinda Theuma. F'dan is-sens indirett hija ssostni li kienet hi li wriet l-appartament lil Padovani u li kienet hi li nformatha bil-prezz li qed jintalab.

L-attrici l-ohra Sue Anne Bartolo tikkonferma li kienet hi l-ewwel wahda ftiehmet mas-sid Saviour Galea sabiex is-socjeta` taghha tintervjeni bhala Estate Agent halli jsibu l-bejgh ta` l-appartamenti nkluz dak in kwistjoni. Fil-fatt il-commission sheet giet iffimata minnha u minn Saviour Galea nhar is-27 ta` Frar, 2003 kif jidher minn Dok. SB 1, a fol. 38 tal-process. Huwa sinifikanti li wiehed jinnota li ghar-rigward Flat 6, il-prezz mitlub kien ta` Lm23,000 jew Lm24,200 bil-commission inkluz filwaqt li l-appartament kien spicca nbiegh bil-prezz ta` Lm21,650 cioe` ghal korrispettiv anqas minn dak mixtieq mis-sidien. Huwa sinifikanti wkoll li dan il-ftehim jitkellem dwar general agency ghal kuntrarju ta` sole agency u l-attrici Bartolo spjegat li f'din ahhar eventwalita` s-sid ikun jista` jikkontratta biss ghal bejgh tal-proprjeta` tieghu ma` agenzija wahda u din biss tkun intitolata ghal hlas ta` commission u difatti f'tali kazijiet ir-rata pagabbli tkun anqas, generalment 3%. Fil-kaz in ezami stante li si tratta ta` general agency u kwindi pagabbli bir-rata ta` 5% bhala commission, is-sid ma jkunx marbut ma` agenzija wahda u jista` jkun ukoll li l-proprjeta` tinbiegh addirittura minghajr l-intervent ta` ebda sensar u / jew agenzija kif proprju qed jallegaw il-konvenuti f'din

il-kawza. L-attrici Bartolo tkompli tafferma ukoll illi s-sidien ma kienux tawhom ic-cwievet ta` l-appartamenti u kwindi huma kienu jitolbuha minghandhom kull darba jkollhom xi klijent biex jarawhom fejn kien jigi xi wiehed mis-sidien biex jifthilhom. Illi minhabba f’hekk dan ix-xhud jargumenta li l-konvenuti messhom kienu jafu li Padovani Genies kienet giet introdotta ghall-flat taghhom bl-intervent ta` l-atturi anke jekk din giet tarah originarjament bhala habiba u dana peress wiehed mis-sidien kien prezenti meta l-eventwali xerrejja kienet ratu. Fil-verita` pero` jinghad li dwar il-bejgh ta` l-appartament meritu ta` dina l-kawza, dan ix-xhud ma kienx personalment involut u kwindi dak kollu li taf, gie a konjizzjoni taghha mill-kollega Caroline Ebejer u ghalhekk ir-rilevanza ta` certu fatturi msemmija minn dan ix-xhud ghandu mportanza relattiva.

Fl-affidavit taghha, Lorinda Theuma tghid illi meta ghamlet l-appuntament ma` l-attrici Ebejer sabiex tara xi flats kienet hadet maghha lil Padovani Genies semplicement kemm biex izzommha kumpanija u kif ukoll biex taghtiha xi parir u mhux il-ghaliex habibitha kienet interessata fl-istess. Huma fil-fatt kienu raw kemm xi appartamenti fil-Blokka in kwistjoni u kif ukoll xi postijiet band’ohra. Il-habiba taghha ghogbuha ferm l-appartamenti li kienu raw u meta Theuma marret il-Bank tindaga fuq il-possibbilita` ghal facilita` bankarja, akkumpanjata wkoll Padovani Genies li bdiet tistaqsi domandi ipotetici bhal li kieku kienet ser tasal biex tixtri hi wkoll. Eventwalment l-hsieb ta` Padovani Genies immatura f’realta` u spiccat biex xtrat il-flat numru sitta meritu ta` dina l-kawza li l-attrici Ebejer kienu uriet originarjament lil Theuma filwaqt li din ta` l-ahhar kienet xtrat in-numru 4 fl-istess Blokka.

In kontro ezami, Theuma tikkonferma illi fl-ewwel okkazzjoni li daharet tara l-postijiet ma` l-attrici, Padovani li kienet maghha f’ebda hin ma lissnet xi

diskors li ndika li kienet b'xi mod interessata hi wkoll biex tixtri ghaliha. Insistiet li f'din l-okkazzjoni kienet hi l-klijenta ta` l-atturi u mhux Padovani. Pero` fl-istess hin stqarret li f'din l-okkazzjoni wkoll, Padovani kienet staqsiet lil wiehed mill-konvenuti sidien tal-appartamenti l-contact numbers tieghu.

Marthese Padovani tikkonferma li meta marret tara l-appartamenti tal-konvenuti ma` Theuma, hija ma kellha ebda nteress li tixtri. Kien biss wara li l-habiba taghha xtrat minghand il-konvenuti li thajret u kwindi kienet cemplet lill-konvenuti biex tistaqsihom jekk kienx ghad ghandhom appartamenti ghal bejgh. In-numru tat-telephone ta` Galea gabitu minghand Theuma. Meta nformawha li kien ghad hemm in-numru sitta ghal bejgh ftiehmet maghhom biex tarah kif fil-fatt ghamlet – ghogobha – u kwindi bdiet diskussjonijiet mal-konvenuti biex tixtrieh. Qatt ma sar diskors dwar xi estate agents u dan ix-xhud jistqarr li anke hi qatt ma kellmet lill-atturi *qua* estate agents u dana peress illi fl-unika okkazzjoni li ltaqghet maghhom kien fi zmien meta ma kinietx interessata li tixtri – kienet biss spettatur.

Fl-affidavit tieghu, l-konvenut Charles Galea jistqarr li meta kellhom il-blokk ta` appartamenti u garages ghal bejgh huma kienu kkontrattaw ma` diversi estate agents pero` dejjem zammew id-dritt li jbieghu huma stess u kwindi ma ffirmaw ebda sole agency agreement ma` hadd. Ic-cwievet ta` l-istess proprjeta` ma ghaddewhom lil hadd u kienu huma stess li jmorru jifthu ghal min kien interessat. Fil-fatt ighid li l-hames garages u zewg appartamenti kienu nbieghu direttament minnhom minghajr ebda ntervent ta` xi agenzija tal-proprjeta`. F'kaz li kien hemm xi klijent introdott mill-Agenzija li wera nteress genwin ta` akkwist, in-negozjati kienu jsiru quddiem dak l-agent partikolari wkoll. Fil-fatt sar diversi bejgh bl-intervent tas-socjeta` attrici pero` f'aktar minn

okkazjoni wahda dawn waslu biex irriducew ir-rata ta` commission taghhom minn 5% ghal 2% halli n-negozju jinghaqad. Pero` fil-kaz in ezami, l-eventwali xerrejja ta` l-appartament in kwistjoni kienet ghamlet kuntatt mieghu dirett bit-telephone u huwa kien ftiehem maghha biex juriha l-falt numru sitta. Ghogobha u bdiet tinnegozja fuq il-prezz anzi talbet riduzzjoni fil-prezz kwotat peress illi ma kien hemm ebda agenzija fin-nofs. Fil-fatt kien gie pattwit korrispettiv orhos minn dak originarjament mitlub u gie ffirmat il-konvenju. Dan il-konvenut jafferma li huwa kien informa lil wahda mill-atturi bix-xerrejja prospettiva ta` Flat 6 qabel ma sar il-konvenju maghha u meta ra li din iddarset xi ftit peress li l-agenzija ma gietx involuta, il-konvenut kien stedinha sabiex tara sew x'bihsiebha taghmel peress illi l-prezz miftiehem ma` Padovani kien gie mrahhas appuntu peress li skond il-konvenuti  ma kien hemm ebda agenzija nvoluta. Il-konvenuti baqghu ma semghu xejn aktar mill-atturi u ssoktaw bl-iffirmar tal-konvenju u wara tal-kuntratt ma` Padovani kif kienu ftiehmu u dana wara l-istess konvenuti kkonfermaw ghal darba tnejn ma` l-istess Padovani li l-atturi ma kellhom x'jaqsmu xejn maghha fuq dan il-bejgh. In kontro ezami, dan il-konvenut baqa` jsostni fuq il-verzjoni tal-fatti ndikati minnu fl-affidavit tieghu.

L-affidavit tal-konvenut l-iehor Saviour Galea bazikament jikkonferma kelma b'kelma id-dikjarazzjoni guramentata ta` huh.

Illi rrizulta lil dan it-Tribunal li ghalkemm Padovani kienet prezenti meta l-atturi urew l-appartament in kwistjoni flimkien ma` postijiet ohra, dan l-ezercizzju sar a beneficcju ta` Theuma. Din ta` l-ahhar biss kienet il-klijenta prospettiva ta` l-atturi u fil-fatt Padovani sa dak l-istadju ma kellha ebda nteress li tixtri. Difatti Theuma spiccat biex xtrat appartament minghand il-konvenuti bl-intervent u assistenza ta` l-atturi u t-Tribunal fehem li s-socjeta` attrici thallset debitament fuq dak il-bejgh.

Ghal kuntrarju pero` fuq il-bejgh in kwistjoni rrizulta li l-kuntatt bejn Padovani u l-konvenuti sar direttament bejniethom billi Padovani kkomunikat ma` l-ahwa Galea – rat il-flat in kwistjoni flimkien ma` Galea – nnegozjat il-prezz u kondizzjonijiet ohra ma` Galea u dana kollu minghajr ebda ntroduzzjoni u / jew ntervent da parti ta` l-atturi. Fil-fatt il-prezz pattwit kif ridott kien jirrifletti l-fatt li fuq dan in-negozju ma kien hemm ebda nvolviment ta` xi agenzija. It-Tribunal ma giex konvint mill-atturi tramite l-provi minnhom imressqa l-affermazzjoni li donnhom qed jipprovaw javvanzaw cioe` dik illi Padovani kienet mill-bidu nett interessata f'dan l-appartament u li din hadmet minn wara daharhom. Certament il-konvenuti ma kienux konsapevoli ta` l-allegat interess tas-socjeta` attrici. Il-fatt li l-konvenuti dejjem imxew b'mod lejali lejn l-atturi u agenti ohra huwa xhieda ta` dan. Fattur iehor li jikkonferma l-kredibilita` tal-konvenuti huwa l-fatt li huma kienu nformaw lill-atturi dwar in-negozju li kienu bihsiebhom jaghlqu ma` Padovani u dana sahansitra qabel ma gie ffirmat il-konvenju maghha. Minn naha l-ohra, l-atturi li saru jafu mill-konvenuti dwar tali negozju a tempo vergine ghazlu li ma jiehdu ebda passi sabiex jissalvagwardjaw l-allegati nteressi taghhom fuq l-istess u spiccaw biex bdew javvanzaw l-pretenzjonijiet taghhom fuq l-istess madwar seba` xhur shah wara li gie ffirmat l-kuntratt pubbliku relattiv. Tali agir ma tantx ighin lil atturi ghal finijiet ta` kredibilita fuq dak li qed isostnu.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok qieghed jilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenuti ahwa Galea u kwindi jichad it-talbiet attrici fil-konfront taghhom, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess atturi.**"**

L-appell ta' l-atturi minn din is-sentenza jirpoza b'mod principali fuq l-aggravju illi t-Tribunal ippresta kredibilita` lill-versjoni tal-konvenut fuq dik taghhom. Huma jikkontendu illi l-provi kellhom isostnu l-mertu tat-talba taghhom ghall-hlas tal-kummissjoni in bazi ghal konsiderazzjonijiet li kien bis-sahha taghhom li l-akkwirenti ta' tnejn mill-appartamenti ta' proprjeta` tal-konvenuti saru jafu bihom. Addizzjonalment, li kien bl-intervent ta' l-attrici Caroline Ebejer li l-istess akkwirenti gew murija l-flats u tlaqqghu mal-Bank ghal skop ta' self;

Fil-qosor hafna l-fatti sostanzjali kienu dawn. Bi ftehim bejn il-kontendenti gie maqbul illi l-atturi jircievu hamsa fil-mija (5%) bhala kummissjoni *qua* negozjaturi fil-bejgh ta' certi appartamenti ta' proprjeta` tal-konvenuti (ara dokument a fol. 38). Lorinda Theuma xtrat l-appartament numru 4 filwaqt li sehbitha Marthese Padovani Genies akkwistat dak numru 6. F'din l-istanza l-atturi qeghdin jippretendu l-hlas tal-kummissjoni in relazzjoni ghal dan l-ahhar imsemmi appartament. Bazikament, l-atturi jsostnu illi, ghalkemm hu veru li l-appuntament ghall-ispezzjoni tal-flats kien sar ma' Lorinda Theuma biss, u li x-xerrejja l-ohra tal-flat 6 kienet qed takkompanjaha bhala habiba, il-fatt li din ukoll uriet interess li tixtri flat u giet ukoll informata dwar il-post u l-prezz, u introdotta ma' wiehed mis-sidien, dan kien jintitolahom jirreklamaw dik il-kummissjoni. Ara xhieda ta' l-attrici Caroline Ebejer a fol. 34;

Ghas-sostenn u tishih ta' din il-pretensjoni taghhom l-appellanti jirrikorru fil-korp tar-rikors ta' l-appell taghhom ghall-principji regolanti d-dritt ta' senserija, u, sussidjarjament, dawk attinenti ghad-dritt ghal kumpens;

L-ewwelnett, jibda biex jigi osservat illi l-Kodici Civili taghna, bil-kontra ta' kodicijiet ta' pajjizi ohra, imkien ma jipprovdi ghall-kuntratt ta' senserija. Dan jissemma biss b'mod indirett fejn il-Kodici jipprovdi ghad-dritt li ghandu

jithallas ghas-senserija (Artikolu 1362, Kapitolu 16). Il-gurisprudenza, pero`, affermat fir-rigward illi "*dal fatto che l'ordinanza civile non regola il contratto di mediazione, l'unica conseguenza che si puo` e si deve desumere si è che nei casi concreti d'interpretazione di un'atto di mediazione civile, bisogna per analogia desunta dall'unita del diritto privato ricorrere alle norme corrispondenti contenute nell'ordinanza commerciale, e ritenere che al mediatore civile non spetti diritti di senseria quando l'affare non fosse conchiuso, o fosse conchiuso sopra trattato differente da quello fatto dal mediatore.*" ("**Francesco Cutajar *et* -vs- Carmela Demarco**", Appell Civili, 12 ta' Dicembru, 1919). Fil-kaz in ispecje, trattasi ta' Real Estate Agent, wiehed ghandu jassumi illi ghal kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc (Artikolu 79 sa Artikolu 95 tieghu), anke jekk mhux maghruf jekk certi rekwiziti specjali li jissemmew fihom jinsabux ottemperati jew le. Hu x'inhu l-kaz, kif issokta jinghad fil-precitata sentenza, "*a perfezionare l'atto di mediazione o senseria si richiede il concorso di due elementi, cioe: (1) che l'intromissione del mediatore sia accettata da amendue i contraenti, sia pure tacitamente; e (2) che mediante l'opera del mediatore si sia ottenuto lo 'in idem placitum consensus' delle parti secondo la legge*";

Affermat dan, jidher li l-ezami li kien mistenni li jsir fil-kaz prezenti kien wiehed tendenti li jkun stabbilit jekk kienux, fil-fattispeci, jikkonkorru l-estremi taz-zewg elementi fuq riportati;

M'hemmx dubbju illi l-atturi kellhom il-kunsens preventiv tal-konvenuti biex jizvolgu fl-interess ta' dawn attivita` li twassal ghan-negozju ta' bejgh ta' l-appartamenti. Dan hu sew evidenti mill-kuntratt ta' ftehim a fol. 38, gja referenzjat fl-esposizzjoni tal-fatti. Id-diffikulta tinsorgi dwar jekk l-istess atturi kellhomx ukoll il-kunsens tal-kompratrici Marthese Padovani Genies fl-affari tax-xiri u akkwist minn din ta' l-appartament numru 6;

Fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi in atti l-Qorti hi tal-fehma illi hu eskluz li kien hemm xi inkariku espress u dirett minn din ix-xerrejja lill-atturi biex dawn jizvolgu l-hidma taghhom ta' medjaturi fl-interess taghha. Tqum il-mistoqsija jekk setax kien hemm dik id-dikjarazzjoni tacita minn certu diskors jew atteggjament esprimenti l-kunsens jew dik il-volonta` idoneja da parti ta' l-imsemmija xerrejja illi din kienet qeghda tikkonferixxi simili inkariku lill-atturi. Fil-fehma tal-Qorti t-twegiba ghal din il-mistoqsija hi fin-negattiv. Il-provi juru illi l-kompratrici tal-flat imsemmi qatt ma ffissat appuntament ma' l-atturi u qatt ma marret wehidha ma' xi hadd fosthom biex tispezzjona l-flat (ara xhieda ta' Caroline Ebejer, fol. 33). L-okkazjonijiet li fihom din il-kompratrici involviet ruhha kienu konnessi ma' l-interessament ta' habibitha Lorinda Theuma biex taghtiha pariri fl-akkwist tax-xiri minn din tal-flat. Jista' jkun veru dak iddikjarat mill-attrici Ebejer illi x-xhud Marthese Padovani Genies uriet hi wkoll interess li takkwista flat, izda jekk inhu hekk, din id-dikjarazzjoni taghha waqfet hemm tant li, kif mistqarr, mill-istess Ebejer "jien ma bqajtx nigri warajha u niffitaha" (fol. 20). Apparti r-riljevi l-ohra maghmula mit-Tribunal, dan kollu, ghal din il-Qorti, jhalli dubju serju dwar il-konfigurabilita` ta' xi ftehim ta' medjazzjoni u allura tar-rapport guridiku naxxenti minn dan. Ragonevolment, minn dik l-istess stqarrija ta' l-attrici Ebejer huwa, alkwantu, inkoncepibbli, kemm seta' jinghad li gie integrat kuntratt ta' medjazzjoni meta hi nnifisha baqghet ma ghamlet ebda attivita`, *qua* oggett ta' obbligazzjoni f'kull senserija, biex tissodisfa l-interessament ta' l-imsemmija kompratirci ghax-xiri ta' l-appartament. Il-verita li tohrog mir-rizultanzi istruttorji tidher li hi din. La l-attrici Ebejer, minn naha, ma kienetx hekk xjenti jew certa ta' xi inkariku moghti lilha ghax baqghet inattiva, u, wisq anqas, il-kompratrici Padovani Ginies accettat l-operat taghha *qua* medjatrici. U la dan huwa hekk, lanqas ma seta', logikament, jigi ottenut dak l-*idem placitum consensus* li ssemmi l-precitata sentenza bit-tieni rekwizit. Effettivament, u ghajr l-okkazjoni meta akkompanjat lil habiba taghha, il-kompratrici qatt ma tlaqqghet mas-sidien biex, skond gurisprudenza konkordi, ikun ikkonciljat bejn il-partijiet is-sostanzjali u l-accidentali ta' l-operazzjoni;

Wisq naturalment, la ma gietx determinata l-formazzjoni tal-kunsens lanqas ma jista' jkun hemm reklam ghal dritt ta' xi kumpens diskrezzjonalment iffissat. Skond l-orjentament gurisprudenzjali prevalenti d-dritt ghal tali kumpens hu abbinat mal-figura guridika tal-lokazzjoni d'opera jew tal-mandat (ara "**Emmanuele Borg -vs- Emmanuele Bartoli *et***", Appell Civili, 2 ta' Marzu, 1953) u dan jimporta l-ezistenza tal-kunsens kontrattwali, espress jew tacitu. Gjaladarba, kif verifikat, il-kunsens ta' l-inkariku hu mankanti f'dan il-kaz, l-appellanti lanqas ma jikkwalifikaw ghal xi forma ta' kumpens. Jinghad, a propozitu, illi "it-temperament tal-kumpens imbaghad biex isehh fejn ma ssehx il-vera u proprja senserija, introdott mill-gurisprudenza lokali, irid jippresupponi inkariku espress jew tacitu, u xi xoghol, u mhux li bniedem jaghti sempliciment informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar, cjoe bla ma jadopera ruhu bl-ebda mod" ("**Carmelo Pace -vs- Josephine *sive* Fanny Tabone Valletta**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu, 1952). Fil-kaz in ezami ukoll, u dan apparti n-nuqqas ta' prova ta' xi kunsens jew inkariku, lanqas ma ngibet prova konvincenti ta' espletament ta' xoghol biex jista' jinghad li l-appellanti kienu hekk intitolati ghal kumpens "*per fatiche adoperate*" ("**Francesco Borg -vs- Antonio Rizzo *et***", Appell Civili, 25 ta' April, 1919);

Jinzel minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha illi l-ilment centrali ta' l-appellanti mhux meritevoli ta' akkoljiment;

Issa l-appellanti jqanqlu wkoll zewg lanjanzi minuri ta' indoli legali, il-wahda rigwardanti l-liberazzjoni tas-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju; l-ohra, il-motiv li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-ewwel u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Frankament, din il-Qorti ma tarax is-serjeta tal-proponiment ta' dawn l-aggravji. Fil-kaz ta' l-ewwel anke

kieku stess s-socjeta` konvenuta kienet giet, fuq rikors tal-konvenuti (fol. 51) estromessa mill-proceduri, il-liberazzjoni sussegwenti taghha skond is-sentenza tista' se mai titqies zejda u inutli. Fil-kaz tat-tieni, ankorke t-Tribunal naqas milli jokkupa ruhu mill-eccezzjonijiet denotati – li, fir-realta`, jrid jinghad li ma huwiex hekk il-kaz jekk wiehed jinterpreta kif imiss l-istess eccezzjonijiet u s-sentenza – tali nuqqas, se mai, kien talvolta jippregudika lill-konvenuti appellati u mhux ukoll lill-atturi appellanti. Anke, allura, dawn l-aggravji qed jitqiesu insostenibbli.

Ghal motivi kollha predetti u dawk l-ohra tat-Tribunal, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------